**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL SEKONDARJI 200**

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

StudentBounty.com

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ____________________________ Klassi: _______________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

*Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:*

# Għajnuna f'Waqtha



Tista' tkun ħaġa diffiċli biex persuna tasal li tammetti li għandha problema tad-droga jew tal-alkoħol. Dan speċjalment meta l-persuna tkun għadha żgħira, għax taħseb li hi qatt mhi se jkollha tħabbat wiċċha ma' problemi serji. Infatti, ħafna jaħsbu li l-alkoħoliċi, kif ukoll dawk li huma dipendenti mid-droga, huma nies kbar fiż-żmien, meta fil-fatt dawk li jinqabdu f'xi wieħed minn dawn il-vizzji jistgħu jkunu persuni ta' kull età. *(par.1)*

Min isib ruħu bi problemi serji tax-xorb jew tad-droga aktarx li għall-ewwel jinsisti li l-abbuż mhuwiex kbir, u li kollox ikun jinsab taħt kontroll. Din hija ħaġa komuni fost dawk li jkunu maħkuma minn vizzju ta' din ix-xorta. Infatti, din iċ-ċaħda, flimkien ma' 'għajnuna' minn 'xi ħbieb' biex din il-persuna tkompli taħbi kollox minn nies oħra qrib tagħha, bħall-ġenituri jew membri tal-familja, tista' tkun il-kaġun li l-problema tkompli tikber u tisserja. *(par.2)*

Persuna fil-bżonn għandha dejjem tfittex u titlob l-għajnuna. Li titlob l-għajnuna ma jfissirx li l-persuna ċċedi jew li tkun turi dgħufija, iżda li tagħraf li hemm problema u li hemm ħaddieħor li jista' jgħinha toħroġ minnha. *(par.3)*

Meta persuna ma tkunx trid tammetti li għandha problema, wieħed xorta jista' jgħinha. Għalhekk, jekk int inkwetat minħabba xi ħadd li taf, huwa importanti li titkellem ma' bniedem li ċert li tista' tafda, ma' xi ħadd li jista' jgħin. Tippruvax tgħin waħdek. Meta titkellem ma' persuna professjonali, tkun tista' tara b'mod aktar ċar x'inhu l-aħjar għalik u għall-ħabib jew ħabiba tiegħek. *(par.4)*



Jekk taħseb li xi ħadd li taf jista' jkollu problema bl-alkoħol jew bid-droga, u li l-aġenzija Sedqa tista' tgħinu, ċempel issa n-numru **151** u għidilna bil-problema tiegħu. Tista' ċċempel x'ħin trid għax is-servizz huwa miftuħ għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Dan is-servizz huwa bla ħlas u huwa kunfidenzjali, jiġifieri min ikellmek huwa marbut li ma jgħid lil ħadd dwar dak li jkun sema' mingħandek, jekk mhux bil-permess tiegħek. *(par.5)*

Fejn jidħlu problemi serji, ftakar li għada jista' jkun tard wisq. *(par.6)*

***SEDQA***

(addattament ta' artiklu li deher f'*Sagħtar*)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| A. FEHIM IT-TEST | (10 m |
|---|---|

1. Għaliex hu diffiċli li persuna żgħira tammetti li għandha problema tal-alkoħol jew id-droga?

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (marka)

2. X'taħseb dik il-persuna li ssib ruħha bi problemi serji tax-xorb jew tad-droga?

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (marka)

3. X'jista' jiġri meta xi 'ħbieb' jgħinu lil persuna taħbi l-problema li jkollha?

_______________________________________________________________ (marka)

4. Xi tkun tagħmel dik il-persuna li tfittex għajnuna għall-problema li jkollha?

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (marka)

5. X'għandu jagħmel min jaf lil xi ħadd li għandu problema tal-alkoħol jew tad-droga?

_______________________________________________________________ (marka)

6. X'jiġri meta titkellem ma' persuna professjonali dwar il-problema li jkollu ħaddieħor?

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (marka)

7. X'inhu l-aħjar ħin li fih tista' ċċempel lill-aġenzija Sedqa?

_______________________________________________________________ (marka)

8. X'tifhem bil-kelmiet f'paragrafu 5: *Dan is-servizz ..... huwa kunfidenzjali*?

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (marka)

9. Ikteb fi kliemek l-aħħar sentenza.

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2 marki)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (2 |
|---|---|

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Imla l-vojt bil-**konġunzjoni** t-tajba.
(Agħżel minn dawn: *u, mingħajr ma, għax , jew*)
Ġewwa l-Belt __u__ fit-Tlitt Ibliet kull ħanut _____ post ta' divertiment ried jibqa' magħluq minn sagħtejn fuq l-*Ave Maria* sal-*Pater Noster*. Ħadd ma kien jista' joqgħod barra, ___ kull min jinqabad barra ______________ ____ jagħti raġuni, jeħel multa________ ikun kiser il-liġi. (4 marki)

2. Ikteb **l-avverbju** skont it-tifsira fl-aħħar tas-sentenza. (Ara l-eżempju.)

a. Libes **sewwa** biex ma jħossx bard. (tajjeb ħafna)
b. Għalkemm kien hemm ħafna nies, xorta ħlist **m**______________. (ma domtx)
ċ. L-ajruplan jasal minn Madrid **i**___________ (f'din il-ġurnata).
d. **N**__________________ il-lezzjoni tibda fit-tmienja. (is-soltu) (3 marki)

3. Agħmel sing taħt **il-kelmiet li qegħdin jagħmlu x-xogħol tal-verb** fis-sentenzi li ġejjin. (L-ewwel waħda hija eżempju)

a. **Ilu** fuq il-baħar minn żgħożitu.
b. Ħdejn il-bank hemm pulizija twil.
ċ. Stefan għandu rasu iebsa wisq. (2 marki)

4. Imla l-vojt bil-**verb** kif suppost. (Ara l-eżempju.)

a. Billi ħassu għajjien Peter **raqad**. (r-q-d)
b. Ġorġ ________ (k-t-b) ittra lil ħuh Majsi.
ċ. Il-kelba ___________ (q-t-l) minn daqqa ta' karozza.
d. Nesa ċ-ċavetta u _______ (s-k-r) barra. (3 marki)

## LESSIKU / VOKABULARJU

5. Sib f'*paragrafu 1*, kelma li tfisser ***bniedem***: ______________ (marka)

6. Il-kelma **dipendenti** *(par.1)* hi ta' nisel: Semitiku __; Rumanz __; Ingliż __. (marka)

7. Flok **bniedem li tista' tafda** nistgħu niktbu bniedem ta' f___________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ANALIŻI TESTWALI**

8. Il-frażi **tħabbat wiċċha** *(par.1)* tfisser: ______________________________ (mar

9. Il-kelma **għidilna** (*par.5*) qiegħda tirreferi għal:

   (a) min ibati mill-abbuż tad-droga u l-alkoħol. ____

   (b) għall-uffiċjali tal-aġenzija SEDQA. ____

   (ċ) għall-ġenituri u l-qraba ta' dawk bi problema ta' droga u alkoħol. ____ (marka)

**SINTASSI**

10. Ikteb din is-sentenza mill-ġdid u qiegħed **il-punteġġjatura** fejn suppost.

   Missierek m'għandux xi fenek jew staqsa Salvatur. Għandu wieħed imma se jħallih għar-razza wieġbu l-ieħor.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |
|---|---|

**IDJOMI U QWIEL**



(i) **Fisser il-qawl b'sing taħtu**.

Għalkemm Trevor kien tifel oħxon, ommu ma kienet tiddejjaq xejn għaliex kienet tgħid ***li min jiekol żomm miegħu***.

Dan ifisser li min jiekol ______________________________________________(2 marki)

(ii) **Fisser iż-żewġ idjomi b'sing taħthom f'din is-sentenza**.

Wara ftit li beda jieħu d-droga spiċċa <u>f'baħar ta' inkwiet</u>, l-aktar xħin <u>ħabat difru</u> mal-pulizija meta nqabad jisraq biex iħallas għad-droga.

(a) ______________________________________________________________

(b) ______________________________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8

Agħżel waħda minn **(a)** u **(b)** u ikteb madwar **60 kelma**.

(a) Agħti deskrizzjoni ta' kif tkun il-pjazza prinċipali tar-raħal jew belt fejn toqgħod nhar ta' Tnejn filgħodu. Tista' ssemmi l-ħwienet, il-bejjiegħa, in-nies sejrin il-knisja jew għax-xogħol, it-tfal tal-iskola u kull attività oħra li tinnota f'dan il-post nhar ta' Tnejn filgħodu.

**JEW**

(b) F'Ħal Muxi din is-sena kellna festa kbira b'ħafna murtali tal-bomba, tal-kulur u murtaletti. Imma l-murtali ma jogħġbux lil kulħadd. Hemm min iqatta' ħin twil jarahom jisparaw u jimlew is-sema b'kuluri sbieħ, u hemm min il-ħsejjes tagħhom idejquh ħafna. Int x'taħseb dwar dan is-suġġett? Fisser l-opinjoni tiegħek dwar il-murtali fl-ispazju pprovdut hawn taħt.

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI (8 marki)



Fil-proġett: **L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija** int fittixt dwar *il-mod ta' għajxien il-Malti*, *il-mod kif jitkellem il-Malti* u *x-xena kulturali Maltija*, fost l-oħrajn. Agħżel waħda mit-temi li studjajt u tkellem dwarha f'madwar **60 kelma**.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. LETTERATURA (30

(i) **Proża / Dramm**

**L-Isqaq**.

1. Stejfen mar jgħix fl-isqaq meta missieru:
   (a) rebaħ is-*Super 5* __; (b) xtara villa __; (ċ) miet __; (d) siefer__. (marka)

2. Ħut Stejfen kien jisimhom Dwinu u _________________ . (marka)

3. Spigolò kien ħalliel għaliex fi tfulitu ġieli kellu ___________ biex jiekol. (marka)

4. ___________ kien raġel li ma setax jiżżewweġ għax kellu wiċċu ikrah ħafna. (marka)

5. **L-Isqaq** hu rumanz: (a) storiku ___ ; (b) realistiku ___; (ċ) simboliku ___ . (marka)

**Anestesija**

6. Il-buffu taċ-Ċirku Terros kien jismu _____________________________. (marka)

7. Iċ-Ċirku Terros jissimbolizza: (a) lill-Qrendi __; (b) lil Malta__; (ċ) lid-dinja __. (marka)

8. Il-maskra tal-Buffu turi l- ______________________________ tal-bniedem. (marka)

9. Tal-ġelati, flok ġelat _____________________, lit-tifel tah ġelat tal-lewż morr. (marka)

10. **Anestesija** hu: a) dramm __; b) rumanz __; ċ) rakkont __ li jikkritika lis-soċjetà. (marka)

**(ii) Qawsalla:** ***Referenza għall-Kuntest***

Aqra sewwa din il-poeżija ta' Marjanu Vella u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:

**ĦITAN TAS-SEJJIEĦ**

Sar il-miraklu tal-konkrit. Iħokku
għoddhom mas-sħab id-djar ta' ġo l-ibliet;
qsari fit-twieqi, dagħwa kontra s-seħer
ta' linji dritti jiġru paralleli.

Kaxxa ħdejn kaxxa, saret kaxxa kbira
irqiqa w twila mnażżgħa mill-frugħat
ta' xogħ'l maħdum bl-iskarpellin waqt ħolma
ta' frott u ward u anġli żgħar jittajru.

Sar il-miraklu tal-konkrit. Kemm saħħa
jaħbu l-ħitan misluta ħelu ħelu,
u s-soqfa biċċa waħda bla xejn travi,
bi xbieki tal-ħadid jifilħu d-dinja!

U tidħak, tidħak, tara qed tintaġar
il-ġebla bajda-krema ser tinqasam
biex issir djar botnin bla sens ta' "figure"
- qirda tas-saħħa mbierka tal-bennejja.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Sar il-miraklu tal-konkrit. Il-ġebla
titħalla biss biex tifred ftit għelieqi
b'ħitan imbewqa tas-sejjieħ li jagħżlu
pulzier minn ieħor ta' ħamrija għajjiena.

Minkejja dan, it-Trejqa tal-Mistrieħ
bejn żewġ ħitan titkennen tas-sejjieħ.

1. Mill-ewwel strofa il-poeta juża vers:

   (a) settenarju ___ ; (b) ottonarju ___; (ċ) endekasillabu ___ . (marka)

2. X'tissejjaħ il-figura tad-diskors: ***djar botnin bla sens ta' "figure"*** (vers 15)?

   Il-figura tad-diskors tissejjaħ: ______________________________ (marka)

3. Fit-tielet strofa l-poeta qiegħed jgħidilna li bini tal-____________ huwa b'saħħtu ħafna għalkemm il-ħitan ma jkunux ___________ ħafna. (2 marki)

4. L-aħħar strofa tal-poeżija tissejjaħ:

   (a) kwartina _____; (b) terzina ______; (ċ) distiku _______. (marka)

5. Għid fi ftit kliem għaliex Ħitan tas-Sejjieħ hi poeżija ta' protesta.

   Din hi poeżija ta' protesta għax _______________________________________________

   ___________________________________________________________________________

   ___________________________________________________________________ (3 marki)

**(iii) QAWSALLA: KOMPONIMENT LETTERARJU** (12-il marka)

Agħżel **waħda** minn **(a)** u **(b)** u ikteb madwar **100 kelma** dwarha fuq karta separata:

(a) L-ambjent hu tema li niltaqgħu magħha fil-poeżiji u fis-siltiet ta' proża li nsibu fit-taqsima ***Protesta***. Uri kif il-poeti u l-kittieba l-oħra li niltaqgħu magħhom f'din it-taqsima jużaw ix-xogħlijiet tagħhom biex jipprotestaw kontra min jeqred l-ambjent jew min ma jiħux ħsiebu.

**JEW**

(b) Fit-tema ***Ir-Rispett fil-Familja*** nsibu kitbiet u poeżiji li juru l-imħabba li teżisti bejn il-ġenituri u l-ulied. Agħżel tlieta minn dawn ix-xogħlijiet li studjajt (poeżiji u/jew siltiet ta' proża) u għid kif juru din l-imħabba.

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300 kelma** fuq karta separata.



1. Mort nagħti daqqa t'id.
2. Ix-xorb żejjed fost iż-żgħażagħ.
3. Il-festi tal-irħula u l-ibliet tagħna bit-tajjeb u l-ħażin tagħhom.
4. Ix-xogħol li nixtieq li jkolli fil-futur.
5. Malli ftaħt il-bieb smajt it-telefon iċempel ..... (Kompli din l-istorja.)
6. Aħjar għasfur f'idek milli mija fl-ajru!

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers